**19 ta' Ottubru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Scicluna

**Rikors tal-Appell — Nullità — Art. 431, Kod. Krim.**

*Ir-rikors ta' l-appell għandu jkun fih, tant piena ta' nullità, fost rekwiżiti oħra, il-fatti tal-każ fil-qosor.*

*In-nullità hija ta' ordni pubbliku u għalhekk tista' tiġi rilevata mill-Qorti anke jekk u meta ma tiġix sollevata mill-parti avversa.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imsemmi Scicluna talli l-Imsida, f'dawn l-aħħar xhur, ħalla lill-martu u lill-uliedu fil-bżonn, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-ħamsa (5) ta' Settembru, 1963 li biha l-imputat ġie misjub ħati u kkundannat għall-piena tad-detenzjoni għall-żmien erbat ijiem;

Rat ir-rikors li bih dan appella, u talab li s-sentenza tiġi revokata u li hu jiġi meħlus;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Skond l-artikolu 431 tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikors tal-appell għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità, fost rekwisiti oħra, **il-fatti tal-każ fil-qosor.** F'dan il-każ, ma hemm ebda tismija ta' xejn tal-fatti fir-rikors tal-appell;

Din is-sanzjoni tan-nullità ġiet konstatement applikata, kif jidher minn serje ta' deċiżjonijiet ċitati fis-sentenza Appell Kriminali "Pulizija vs. Meilaq, 28 ta' Novembru 1936, Imħallef Sedenti", li l-ewwel waħda minnhom tiddata mill-1899 (ara wkoll kommenti tal-Imħallef sedenti fil-ktieb tiegħu "Recent Criminal Cases Annotated" para. 48. p. 96 in-nota).

L-istess baqa' jsir miż-żmien tas-sentenza "Pulizija vs. Meilaq" issa ċitata sa llum;

In-nullità hi ta' ordni pubbliku u għalhekk tista' tiġi rilevata mill-Qorti anke jekk u meta ma tiġix sollevata mill-parti avversa, fil-fatt il-Prosekuzzjoni ssollevat l-eċċezzjoni.

Għalhekk tiddeċiedi billi tiddikjara null ir-rikors tal-appell, u kwindi tiddikjara l-istess appell irritu u null.